



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.10.2019
COM(2019) 442 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara
applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2019/001 BE/Carrefour**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (ir-“Regolament tal-FEG”).
2. Fl-20 ta' Ġunju 2019, il-Belġju ressaq applikazzjoni EGF/2019/001 BE/Carrefour għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara li nġataw is-sensji² f'Carrefour Belgique SA fil-Belġju.
3. Wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, skont id-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament tal-FEG, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2019/001 BE/Carrefour
Stat Membru	Il-Belġju
Reġjuni kkonċernati (il-livell 2 ta' NUTS ³)	Is-sensji jikkonċernaw lill-Belġju kollu
Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni:	20 ta' Ġunju 2019
Data ta' konferma tal-wasla tal-applikazzjoni:	20 ta' Ġunju 2019
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	4 ta' Lulju 2019
Data ta' skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	15 ta' Awwissu 2019
Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	7 ta' Novembru 2019
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG
Intrapriża primarja	Carreur Belgique S.A.
L-għadd ta' intrapriżi kkonċernati	1
Settur tal-attività ekonomika (Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2) ⁴	Id-Diviżjoni 47 (Kummerċ bl-imnut, għajr vetturi bil-mutur u muturi)
Perjodu ta' referenza (erba' xhur):	30 ta' Novembru 2018 – 30 ta' Marzu 2019

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEG.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

⁴ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

L-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza (a)	751
L-għadd ta' sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (b)	268
L-għadd totali ta' sensji (a + b)	1 019
L-għadd totali ta' ħaddiema eliġibbli	1 019
L-għadd totali ta' ħaddiema fil-mira	400
L-għadd ta' żgħażagħ fil-mira barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs)	330
Baġit għas-servizzi personalizzati (f'EUR)	2 665 047
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁵ (EUR)	55 000
Baġit totali (EUR)	2 720 047
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	1 632 028

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Il-proċedura

4. Fl-20 ta' Ġunju 2019, il-Belġju ressaq l-applikazzjoni EGF/2019/001 BE/Carrefour fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG. Il-Kummissjoni kkonfermat il-wasla tal-applikazzjoni fl-istess jum u talbet informazzjoni addizzjonali mill-Belġju fl-4 ta' Lulju 2019. Tali informazzjoni addizzjonali nġhatat fi żmien sitt ġimgħat mit-talba. Il-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-ġhoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, fi żmien l-iskadenza ta' 12-il ġimgħa minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta u li tiskadi fis-7 ta' Novembru 2019.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

L-intrapriżi u l-benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni tikkonċerna 751 ħaddiem li nġhataw is-sensja minn Carrefour Belgique SA. L-intrapriża topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 47 Reviżjoni 2 tan-NACE (Kummerċ bl-imnut, ġhajr ta' vetturi bil-mutur u muturi). Is-sensji li saru minn Carrefour Belgique jikkonċernaw lill-Belġju kollu.

Il-kriterji ta' intervent

6. Il-Belġju ressaq l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG, li jirrikjedu li tal-inqas 500 ħaddiem ikunu nġhataw is-sensja fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema li jkunu nġhataw is-sensja mill-fornituri u mill-produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet.
7. Il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur għall-applikazzjoni jibda mit-30 ta' Novembru 2018 u jintemm fit-30 ta' Marzu 2019. 751 ħaddiem nġhataw is-sensja minn Carrefour Belgique matul il-perjodu ta' referenza.

⁵ F'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

Il-kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

8. Is-751 sensja kollha tul il-perjodu ta' referenza ġew ikkalkolati mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt tal-impjeg jew l-iskadenza tiegħu.

Benefiċjarji eliġibbli


9. Minbarra l-ħaddiema li diġà ssemmwew, il-benefiċjarji eliġibbli jinkludu 268 ħaddiem li nġhataw is-sensja qabel jew wara l-perjodu ta' referenza. Dawn il-ħaddiema nġhataw is-sensja wara t-tħabbira ġenerali tas-sensji mbassrin fil-25 ta' Jannar 2018⁶. Tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-avveniment li wassal għas-sensji matul il-perjodu ta' referenza.
10. Għaldaqstant, l-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 1 019.

Rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni

11. Il-Belġju jsostni li l-kummerċ bl-imnut għaddej minn perjodu ta' bidliet kbar, minħabba l-globalizzazzjoni (xiri online), u dan jirriżulta f'sensji. It-tibdil fid-drawwiet tal-konsumaturi u d-diġitalizzazzjoni għandhom ukoll impatt fuq il-kummerċ bl-imnut.
12. Il-bejgħ online mad-dinja kollha ilu jiżdied b'mod stabbli għal bosta snin. Fl-2015, il-bejgħ globali bl-imnut tal-kummerċ elettroniku ammonta għal 7,4 % tan-nefqa totali bl-imnut. Fl-2017, dan laħaq USD 2 382 triljun, li jfisser żieda ta' 28 % fuq is-sena ta' qabel u li jammonta għal 10,4 % tal-bejgħ totali bl-imnut madwar id-dinja. Fl-2019, il-bejgħ online madwar id-dinja huwa mistenni li jikber b'20,7 % u jilħaq 14,1 % tal-infiq totali bl-imnut⁷.

Bejgħ bl-imnut tal-kummerċ elettroniku madwar id-dinja 2017-2019

(USD triljuni, bidla % u % tal-bejgħ totali bl-imnut)



⁶ <http://www.gondola.be/fr/news/food-retail/plan-de-transformation-carrefour-belgique-signature-du-protocole-daccord>

⁷ Bejgħ bl-imnut tal-kummerċ elettroniku madwar id-dinja (<https://www.emarketer.com/content/global-ecommerce-2019>)

13. Skont il-previżjonijiet, din it-tendenza 'l fuq se tkompli fis-snin li ġejjin. Fl-2023, il-bejgħ bl-imnut tal-kummerċ elettroniku madwar id-dinja huwa mistenni li jittripla l-bejgħ ikkalkolat fl-2018, filwaqt li jammonta għal 22 % tan-nefqa totali bl-imnut⁸.


⁸

Ibid.

Bejgħ bl-imnut tal-kummerċ elettroniku madwar id-dinja 2020-2023.


Previżjoni.

(USD triljuni, bidla % u % tal-bejgħ totali bl-imnut)



14. Fl-UE, il-perċentwal tal-popolazzjoni li tixtri online żdied minn 47 % għal 69 % matul il-perjodu bejn l-2013 u l-2018⁹. Flimkien maż-żieda fl-għadd ta' xerrejja elettroniċi, kien hemm bidliet fl-għażla tal-bejjiegħa elettroniċi. Ix-xerrejja li jixtru online mingħand bejjiegħa fil-pajjiż tagħhom stess naqsu għalkemm b'punt perċentwali wieħed biss, minn 89 % fl-2013 għal 88 % fl-2018; filwaqt li x-xiri transkonfinali tal-UE żdied b'mod sinifikanti minn 26 % għal 36 % u x-xiri online minn bejjiegħa barra mill-UE qed isir dejjem aktar popolari. Dan żdied minn 14 % għal 26 % matul l-istess perjodu¹⁰.
15. Il-postijiet tas-suq huma karatteristika dejjem preżenti tad-dinja tal-kummerċ elettroniku. L-akbar tliet atturi huma Amazon, Aliexpress, u eBay, li joperaw bħala atturi globali.

L-għażla tal-bejjiegħa bl-imnut (l-aħħar xiri transkonfinali online)¹¹



⁹ Il-Eurostat. Xiri fuq l-internet minn individwi [isoc_ec_ibuy].

¹⁰ Il-Eurostat. <https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/pdfscache/46776.pdf>

¹¹ Stħarriġ dwar ix-xerrejja transkonfinali tal-kummerċ elettroniku, 2017

https://www.eurocommerce.eu/media/159952/2018.07.02%20-%20ecommerce%20report_annex.pdf

16. Għal kunsiderazzjonijiet ibbażati fuq il-prezzijiet, il-konsumaturi għandhom it-tendenza li jirrikorru għal tali ħwienet online internazzjonali, ibbażati f'pajjiżi li mhumiex fl-UE. Ix-xiri online mhux mill-UE qed ikollu impatt ewlieni fuq il-bejgħ ta' ħwienet tal-bejgħ bl-imnut konvenzjonali fl-UE.
17. Ix-xejriet globali japplikaw ukoll għall-Belġju. Skont Comeos¹², 67 % tal-Belġjani xtraw online fl-2018, meta mqabbla ma' 46 % biss fl-2012. Dan jirrappreżenta żieda ta' 21 p.p. f'sitt snin. Ix-xerrejja elettroniċi Belġjani li kull xahar jixtru online jammontaw għal 44 % mit-total, filwaqt li 9 % jagħmlu dan kull ġimgħa. Aktar minn EUR 150 huwa baġit normali ta' kull xahar għal 42 % tax-xerrejja elettroniċi Belġjani. 39 % tax-xerrejja elettroniċi Belġjani jsostnu li se jonfqu aktar jew ħafna aktar fl-2019 mis-sena ta' qabel. Għal nofs ir-rispondenti huwa irrilevanti jekk il-ħanut online huwiex Belġjan jew le¹³.
18. Sal-lum, is-settur tal-bejgħ bl-imnut kien is-suġġett ta' 10 applikazzjonijiet tal-FEG, li tnejn minnhom huma bbażati fuq il-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ¹⁴ u tmienja minnhom fuq il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali¹⁵.

Avvenimenti li wasslu għas-sensji u l-waqfien tal-attività

19. Carrefour Belgium topera permezz ta' tliet marki: Carreur Express (ħwienet ta' prossimità) marka li tħalli l-qligħ u li qed tespandi (ftuħ ta' 20-25 maħżen fis-sena); Carrefour Market (supermarkets), li tiffoka fuq prodotti friski, filwaqt li qiegħda tespandi wkoll b'ambizzjoni li tiftaħ 10 ħwienet fis-sena; u Carrefour Hypermarkets. Minn 45 hypermarket ta' Carrefour, 19 minnhom ma jħallux qligħ¹⁶.
20. L-avvenimenti li wasslu għas-sensji huma l-għeluq ta' hypermarket wieħed ta' Carrefour u l-kiri ta' partijiet esterni tal-imħażen lil bejjiegħa bl-imnut esterni, f'uħud mill-hypermarkets li għadhom qed joperaw. Kif intqal hawn fuq, ix-xiri online minn bejjiegħa li mhumiex fl-UE qed ikollu impatt ewlieni fuq il-bejgħ ta' ħwienet konvenzjonali fl-UE.
21. Il-prodotti li għalihom il-bejgħ online diġà huwa għoli jew li huma mistennija li jiżdiedu fil-futur qrib huma l-istess bħall-offerti mhux tal-ikel f'hypermarkets. Il-moderna hija prodott matur fil-kummerċ elektroniku. "Prodotti li qegħdin jiżdiedu b'rata mgħaġġla"¹⁷ huma kotba u kotba elettroniċi, kompjuters u apparati elettroniċi, prodotti relatati mas-saħħa u s-sbuħija, u d-divertiment. Għall-kuntrarju ta' dan, huma biss ftit konsumaturi Belġjani li jixtru l-ikel online, għalkemm ix-xerrejja elettroniċi jsostnu li beħsiebhom jagħmlu dan aktar ta' spiss fil-futur¹⁸.

¹² Il-Federazzjoni Belġjana għall-Kummerċ u s-Servizzi

¹³ Comeos. Kummerċ elektroniku Il-Belġju 2018. https://static.comeos.be/E-commerce_Belgium_2018.pdf

¹⁴ L-applikazzjoni attwali u EGF/2017/005 FI/Retail, COM(2017) 618.

¹⁵ EGF/2010/010 CZ/Unilever, COM(2011) 61,
EGF/2010/016 ES/Aragón Retail, COM(2010) 615,
EGF/2011/004 EL/ALDI Hellas, COM(2011) 580,
EGF/2014/009 EL/Sprider Stores, COM(2014) 620,
EGF/2014/013 EL/Odyssefs Fokas, COM(2014) 702,
EGF/2015/011 GR/Supermarket Larissa, COM(2016) 210,
EGF/2016/005 NL/Drenthe Overijssel Retail, COM(2016) 742, u
EGF/2017/003 GR Attica Retail, COM(2017) 613.


¹⁶ Carrefour. "Plan de transformation Carrefour Belgique" (Jannar 2018)

¹⁷ Prodotti li qegħdin jiżdiedu b'rata mgħaġġla huma prodotti li ħafna konsumaturi diġà jixtru online u li qed jippanaw li jagħmlu dan aktar ta' spiss fil-futur.


¹⁸ Comeos. Kummerċ elektroniku Il-Belġju 2018, op.cit.

22. Għal Carrefour, iż-żieda fil-bejgħ online ikkontribwixxiet għat-tnaqqis fil-bejgħ ta' prodotti mhux tal-ikel fil-hypermarkets tagħha (il-fatturat ta' prodotti mhux tal-ikel naqas b'6 % fl-2017, u bi 19 % mill-2010), u b'hekk iddgħajfet il-profittabbiltà ta' dan it-tip ta' ħwienet. Il-Belġju indika li s-sensji huma dovuti l-aktar għad-diffikultajiet fis-settur mhux tal-ikel deskritti hawn fuq.

Il-fatturat tal-hypermarkets ta' Carrefour. Mhux tal-ikel¹⁹
(it-taxxi kollha inkluzi)
(bidla perċentwali minn sena għal oħra)



Il-profittabbiltà tal-hypermarkets ta' Carrefour²⁰
(ROC²¹ f' miljuni ta' euro)



L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi

23. Għalkemm is-sensji jikkonċernaw lill-pajjiż kollu kemm hu, il-Belġju jistenna li dawn se jħallu impatt negattiv partikolarment sinifikanti fuq is-sitwazzjoni tal-impjiegi u b'hekk fuq l-ekonomija reġjonali tal-Wallonia. L-impatt mistenni huwa marbut mal-iskarsezza ta' impjiegi fir-reġjun, mar-rata tal-qgħad relattivament għolja

¹⁹ Carrefour. "Plan de transformation Carrefour Belgique" (Jannar 2018).

²⁰ *Ibid.*

²¹ Ir-redditu fuq il-klijenti (ROC) huwa indikatur tal-profittabbiltà tal-ħwienet. Dan jikkalkula l-profittabbiltà offruta mill-klijenti fid-dawl tal-investimenti li saru u li jkomplu jsiru biex iservu, jissodisfaw u jżommuhom. L-ROC huwa ugwali għall-fluss ta' flus tal-kumpanija matul il-perjodu attwali mill-klijenti tagħha kif ukoll kwalunkwe bidla fl-ekwità sottostanti tal-klijenti, diviża bl-ekwità totali tal-klijenti fil-bidu tal-perjodu.

u, b'konsegwenza ta' dan, mad-diffikultajiet mistennija tar-riallokkazzjoni għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja, b'mod partikolari dawk li għandhom aktar minn 50 sena, minħabba li waħda minn erba' persuni li qed ifittxu impjieg f'Wallonia huma ħaddiema li għandhom aktar minn 55 sena.

24. Għalkemm l-għadd ta' persuni li qed ifittxu impjieg fir-reġjun naqas b'1,5 % fl-2018 meta mqabbel mas-sena ta' qabel, ir-rata tal-qgħad fil-Wallonia (8,6 %²²) hija aktar mid-doppju tar-rata tal-qgħad fi Flanders (3,5 %²³) u 'l fuq mill-medja ta' 6,9 % fl-UE. Barra minn hekk, fil-Wallonia indikaturi oħra juru prestazzjonijiet aktar baxxi fis-suq tax-xogħol: l-attività interim naqset (- 2,3 % tas-sigħat ta' xogħol bejn Diċembru 2017 u Diċembru 2018), il-qgħad temporanju żdied (+ 5,8 % fuq bażi annwali) u l-fallimenti żdiedu fl-aħħar trimestru tal-2018 (+5 % meta mqabbla mal-istess trimestru tal-2017). Barra minn hekk, il-ħolqien tal-impjieg huwa mistenni li jonqos fl-2019 (madwar 15 000 impjieg anqas mill-2018)²⁴.
25. Fl-2018, 57 % ta' dawk li kienu qed ifittxu impjieg f'Wallonia kienu qiegħda fit-tul (aktar minn 12-il xahar), filwaqt li l-ħaddiema li kienu ilhom qiegħda għal aktar minn sentejn irrappreżentaw 67 % tat-total ta' dawk li kienu qed ifittxu xogħol u li kienu ilhom qiegħda għal żmien twil²⁵.
26. Skont Comeos, għalkemm l-impjegi fis-settur tal-bejgħ bl-imnut fil-Belġju għadhom mhumiex qed jonqsu, hemm tħassib li d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-imħażen dalwaqt se jkollhom impatt fuq eluf ta' impjegi li relattivament ma jirrikjedux sengħa²⁶.

Il-benefiċjarji fil-mira u l-azzjonijiet proposti

Il-benefiċjarji fil-mira

27. Minħabba s-sitwazzjoni ta' impjegi partikolarment diffiċli f'Wallonia, il-Belġju jistenna li 400 ħaddiem biss li nġataw is-sensja f'dan ir-reġjun se jieħdu sehem fil-miżuri. It-tqassim ta' dawn il-ħaddiema skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età huwa kif ġej:

Kategorija		L-għadd ta' benefiċjarji fil-mira (ħaddiema)	
Sess:	Irġiel:	118	29,5 %
	Nisa:	282	70,5 %
Ċittadinanza:	Ċittadini tal-UE:	379	94,8 %
	Ċittadini ta' pajjiżi terzi:	21	5,2 %
Grupp ta' età:	15-24 sena:	0	0,0 %
	25-29 sena:	7	1,7 %
	30-54 sena:	68	17,0 %
	55-64 sena:	325	81,3 %

²² Statbel
(<https://statbel.fgov.be/fr/themes/emploi-formation/marche-du-travail/emploi-et-chomage#panel-11>)

²³ *Ibid.*

²⁴ Le Forem. Marché de l'emploi. Tendances et conjoncture en Wallonie. Janvier 2019

²⁵ Iweps. Séries statistiques du marché du travail en Wallonie. Décembre 2018

(<https://www.iweps.be/wp-content/uploads/2019/01/dmc1812.pdf>)

²⁶ <https://www.lecho.be/entreprises/grande-distribution/Malgre-Carrefour-l-emploi-dans-la-grande-distribution-a-progresse/9976847>

aktar minn 0 0,0 %
64 sena:

28. Barra minn hekk, il-Belġju se jipprovdi servizzi personalizzati kkofinanzjati mill-FEG lil massimu ta' 330 zaġġżuġ/a barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs) taħt l-età ta' 25 sena fid-data ta' tressiq tal-applikazzjoni, peress li 240 mis-sensji msemmija fil-paragrafu 5 jseħħu fir-reġjuni tal-livell NUTS 2 tar-reġjuni tal-Provinċja Hainaut (BE32) u l-Provinċja Liège (BE33)], li kellhom rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġh għal żgħażaġh ta' bejn il-15 u l-24 sena ta' mill-inqas 20 %²⁷, abbażi tad-*data* annwali disponibbli għall-2018²⁸.
29. Għaldaqstant, it-total stmat ta' benefiċjarji eliġibbli li huma mistennija jieħdu sehem fil-miżuri, inklużi n-NEETs, huwa ta' 730.

Eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

30. Is-servizzi personalizzati li għandhom jiġu pprovduti lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja u lill-NEETs jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin.

- Appoġġ/Gwida/Integrazzjoni: Dan is-sett ta' servizzi jespandi l-attivitajiet standard b'appoġġ għall-eks ħaddiema ta' Carrefour imwettqa mill-Unitajiet tar-Riallokazzjoni tas-Servizz Pubbliku tal-Impjegi (FOREM) ta' Walloon f'isem l-intrapriża li tkun tat is-sensja. L-offerta standard se tiġi estiża lil hinn mill-perjodu obbligatorju²⁹ u se jiġu proposti servizzi speċifiċi addizzjonali lill-ħaddiema li nġhataw is-sensji, bħal servizzi ta' tiftix attiv għal impjeg u servizzi ta' tqabbil tal-impjeg.

L-appoġġ u l-mobilizzazzjoni tal-NEETs jitwettqu minn Forem u s-sħab tat-trade union tiegħu.

L-NEETs se jkollhom l-opportunità li jieħdu sehem f'“*Coup de boost*”, skema ta' appoġġ soċjoprofessjonali intensiva mifruxa fuq disa' xhur. Il-parteċipanti se jiġu proposti varjetà ta' attivitajiet kollettivi u individwali dwar suġġetti relatati ma' tiftix ta' impjeg (tnejn għall-intervista tal-impjeg, talba għal intervista, eċċ.), l-iżvilupp tal-fiduċja personali u l-komunikazzjoni; attivitajiet biex jiġi skopert l-ambjent professjonali u taħriġ (żjarat, internships, esperjenza tax-xoġhol, ...); intervisti individwali ma' konsulenti u/jew ħarrieġa soċjali biex jgħinu lil kull zaġġżuġ jiddefinixxi l-proġett professjonali tiegħu; informazzjoni adattata dwar il-liġi tax-xoġhol u d-drittijiet soċjali u appoġġ fi proċeduri amministrattivi; attivitajiet ta' skambju fejn iż-żgħażaġh jistgħu jgħinu lil xulxin u jikkondividu l-esperjenzi professjonali tagħhom, it-tiftix ta' impjeg u t-taħriġ; eċċ.

L-għan, fi tmiem l-appoġġ, huwa li l-NEETs jiksbu l-ewwel impjeg jew jintegraw fi programm ta' taħriġ kwalifikanti. Huwa previst ukoll appoġġ addizzjonali wara “*Coup de Boost*” biex jiġi żgurat li l-NEETs jiġu integrati sew fit-taħriġ jew l-impjegi u biex jегħlbu d-diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu.

- It-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid u t-taħriġ vokazzjonali. Il-ħaddiema u l-NEETs se jkollhom aċċess għall-offerta standard ta' taħriġ ta' FOREM u tas-sħab tiegħu u se jintużaw wkoll moduli speċifiċi ta' tiftix ta' impjegi. Barra minn hekk,

²⁷ Il-provinċja ta' Hainaut (27,6 %), il-provinċja ta' Liège (21,1 %).

²⁸ Sors: Eurostat, sett tad-*data*: [lfst_r_lfu3rt].

²⁹ Għall-ħaddiema li għandhom aktar minn 45 sena, 6 xhur (60 siegħa). Għall-ħaddiema li għandhom sa 44 sena, 3 xhur (30 siegħa).

wara t-fassil tal-profilu u l-validazzjoni ta' proġetti professjonali individwali mal-konsulent vokazzjonali, se jiġi offrut taħriġ speċifiku biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet identifikati. Se jiġi offrut ukoll taħriġ fil-ħiliet bażiċi (profiċjenza fil-lingwa, fil-matematika, fl-użu tat-teknoloġija tal-informatika, eċċ.) liż-żgħażaġh li għandhom bżonnu.

- Appoġġ lejn il-ħolqien tan-negozju. Din il-miżura indirizzata lill-ħaddiema għandha tinkludi fażi ta' dijanjożi u orjentazzjoni, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-intraprenditorija, sessjonijiet ta' informazzjoni dwar il-potenzjal li wieħed jibda negozju permezz ta' dijanjożi ekonomika territorjali, u netwerking ma' intraprendituri rilevanti u ma' ħarrieġa ċċertifikati fil-bidu ta' negozju.
- Kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju. Il-ħaddiema li jibdew negozju jew attività bħala persuni li jaħdmu għal rashom se jirċievu kontribuzzjoni sa EUR 15 000. Il-kontribuzzjoni se titħallas f'żewġ pagamenti, wara li jintwera l-iżvilupp effettiv tal-attività b'dokumenti ta' sostenn.
- Benefiċċji. (1) Benefiċċju għat-tiftix ta' impjeg u għat-taħriġ. Il-ħaddiema u l-NEETs se jirċievu EUR 1 fis-siegħa ta' parteċipazzjoni effettiva fit-taħriġ jew fl-attivitajiet ta' tiftix ta' impjeg tal-Unitajiet tar-Riallokazzjoni ta' Forem³⁰. **(2) Kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar.** Sabiex tiġi mħeġġa l-mobbiltà reġjonali u interreġjonali, il-ħaddiema u l-NEETs li jsibu impjeg li jew ikun jinsab aktar minn 60 km 'il bogħod mid-dar tagħhom, jew li jkun f'distanza li timplika aktar minn erba' sigħat ta' ħin ta' vvjaġġar (ritorn), se jirċievu somma f'daqqa ta' EUR 500 jew EUR 750³¹. **(3) Benefiċċju lejn il-ħolqien ta' negozju.** Sabiex il-ħaddiema jiġu appoġġjati waqt it-twaqqif tan-negozju tagħhom³², se jingħata benefiċċju ta' kull xahar ta' EUR 350 għal massimu ta' 12-il xahar. **(4) Il-benefiċċju tar-ritorn għall-iskola.** Għandu jingħata benefiċċju ta' kull xahar ta' EUR 350 lill-ħaddiema u l-NEETs li jwettqu studji full-time (*études de plein exercice*) ta' mill-inqas sena.

31. L-azzjonijiet proposti deskritti hawn fuq jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux il-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
32. Il-Belġju pprovda l-informazzjoni meħtieġa dwar azzjonijiet li huma obligatorji għall-intrapriża kkonċernata skont il-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex se tieħu post tali azzjonijiet.

Baġit stmat

33. Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 2 720 047, li jinkludu nefqa ta' EUR 2 665 047 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 55 000 għal attivitajiet ta' tfejjiġa, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar.
34. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba biex tingħata mill-FEG hija ta' EUR 1 632 028 (60 % tal-kostijiet totali).

³⁰ Skont id-digriet ta' Woalloon tad-29 ta' Jannar 2004 (*Décret relatif au plan d'accompagnement des reconversions*)

³¹ EUR 500 jekk jivvjaġġaw b'karozza jew EUR 750 jekk jivvjaġġaw bit-trasport pubbliku.

³² Il-benefiċċju jintemm fil-mument meta jibda n-negozju.

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' parteċipanti	Kost stmat għal kull parteċipant (EUR) ³³	Kostijiet totali stmati (EUR) ³⁴
Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)			
Appoġġ/Gwida/Integrazzjoni: (<i>Accompagnement, orientation, mobilisation et insertion</i>)	730	2 241	1 636 130
Taħriġ, taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali (<i>Formation et modules spécifiques</i>)	460	941	432 710
Appoġġ lejn il-ħolqien ta' negozju (<i>Dispositif d'accompagnement à l'entreprenariat</i>)	250	463	115 743
Kontribuzzjoni għall-ftuħ ta' negozju (<i>Bourse de lancement</i>)	10	10 000	100 000
Sub-total (a): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati		–	2 284 583 (85,72%)
Benefiċċji u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
Benefiċċji (<i>Allocations et primes</i>)	730	521	380 464
Subtotal (b): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:		–	380 464 14,28 %
Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG			
1. Attivitàjiet ta' thejġija		–	0
2. Ġestjoni		–	10 000
3. Tagħrif u pubbliċità		–	15 000
4. Kontroll u rapportar		–	30 000
Subtotal (c): Perċentwal tal-kostijiet totali:		–	55 000 (2,02%)
Kostijiet totali (a + b + c):		–	2 720 047
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-kostijiet totali)		–	1 632 028

35. Il-kostijiet tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella t'hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. Il-Belġju kkonferma li dawn l-

³³ Biex jiġu evitati d-deċimali, tqarrbu l-ispejjeż stmati għal kull ħaddiem. Madankollu, it-tqarrub m'għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura li jibqa' bħal fl-applikazzjoni sottomessa mill-Belġju.

³⁴ It-totali ma jaqblux minħabba li ċ-ċifri tqarrbu lejn l-eqreb numru.

azzjonijiet jiddependu fuq il-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjeg jew ta' taħriġ.

36. Il-Belġju kkonferma li l-kostijiet tal-investimenti għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, in-negozji l-ġodda u l-akkwiżizzjoni minn impjegati mhumiex se jaqbu l-EUR 15 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

37. Il-Belġju beda jipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-1 ta' Diċembru 2018. Għaldaqstant, in-nefqa fuq dawn l-azzjonijiet se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Diċembru 2018 sal-20 ta' Ġunju 2021.
38. Il-Belġju beda jġarrab in-nefqa amministrattiva biex jimplementa l-FEG fil-25 ta' Jannar 2018. Għalhekk, in-nefqa għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, ta' kontroll u rapportar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-25 ta' Jannar 2018 sal-20 ta' Diċembru 2021.

Komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

39. Is-sors ta' prefinanzjament jew kofinanzjament nazzjonali huwa l-fondi tar-Reġjun ta' Wallonne.
40. Il-Belġju kkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG lanqas mhuma se jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

Proċeduri għall-konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali

41. Il-Belġju indika li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali.
42. Flimkien mal-informazzjoni u l-konsultazzjoni obligatorji mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, twaqqfet unità ta' kriżi biex tiddefinixxi l-pjan soċjali u tikkoordina l-interventi tas-servizzi pubbliċi kkonċernati. Is-servizz pubbliku tal-impjegi ta' Walloon ikkonsulta mat-trade unions dwar diversi soluzzjonijiet ta' riallokazzjoni³⁵, u trade unions, konsulenti vokazzjonali u ħaddiema soċjali f'kuntatt dirett mal-ħaddiema li nġataw is-sensja, ġew ikkonsultati dwar il-ħtiġijiet ta' taħriġ mill-ġdid/titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema³⁶.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

43. Il-Belġju nnotifika lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess korpi li jiġġestixxu u jikkontrollaw l-FSE.

L-impjenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

44. Il-Belġju ta l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa rigward dawn li ġejjin:
- il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u ta' nondiskriminazzjoni se jiġu rrispettati fil-kuntest tal-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom,

³⁵ Fil-15 u fis-27 ta' Marzu 2019

³⁶ Fil-15 ta' Marzu 2019

- ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew osservati,
- Carrefour, li ssoktat bl-attivitajiet tagħha wara s-sensji, ikkonformat mal-obbligi legali tagħha li jirregolaw is-sensji u previsti għall-ħaddiema tagħha kif xieraq,
- l-azzjonijiet proposti mhumiex se jirċievu għajnuna finanzjarja minn fondi oħra jew minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni, u kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat;
- l-azzjonijiet proposti se jkunu komplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali,
- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta baġitarja

45. L-FEG m'għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020³⁷.
46. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont ta' EUR 1 632 028, li jirrappreżenta 60 % tal-kostijiet totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
47. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba³⁸.

Atti relatati

48. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 1 632 028 għal-linja baġitarja rilevanti.
49. Fl-istess waqt li tadotta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li se jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG.

³⁷ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

³⁸ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2019/001 BE/Carrefour

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006³⁹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba⁴⁰, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (l-FEG) għandu l-għan li jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema li jkunu nġhataw is-sensja u lil persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida, u biex jgħinhom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-FEG m'għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (il-prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013⁴¹.
- (3) Fl-20 ta' Ġunju 2019, il-Belġju ssottometta applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji f'Carrefour Belgique SA fil-Belġju. Din kienet issupplimentata minn informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, il-Belġju ddeċieda li jipprovdi servizzi personalizzati kkofinanzjati mill-FEG lil 330 zaġġuġ u zaġġuġha li huma barra mill-edukazzjoni, l-impjeg jew it-taħriġ (NEETs) ukoll.
- (5) L-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 632 028 fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata mill-Belġju.

³⁹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

⁴⁰ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁴¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

- (6) Sabiex jiġi mminimizzat iż-żmien meħud biex jiġi mobilizzat il-FEG, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja għall-2019, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 1 632 028 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

* Id-data li trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.